// KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**35/18**

**Minuti tal-ħamsa u tletin (35) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa 26 ta' Settembru fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużat:** | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (bagħatet ittre, impenjata) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (bagħat ittre, ma jiflaħx) |

***Aġenda:***

1 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat -: 30/18 (tat 21/8/2012 li saret 10/9/2012), u laqgħat b'urġenza numru 31/18 (29/8/2012), 32/18 (29/8/2012), 33/18 (29/8/2012) u 34/18 (18/9/2012).
*2* Punti mqajma mill-minuti
*3* *Schedule of Payment*
4 Kommunikazzjoni mis-Sindku
5 Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-17.53 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi talab għall-korrezzjoni tal-Aġenda numru 35 –

1.1 Laqgħa 30/18 minflok '*21/8/2012'* trid tkun '*tat 21/8/2012 li saret 10/9/2012*'
1.2 Laqgħat b'urġenza numru 31/18 minflok '*29/9/2012'*, trid tkun '*29/8/2012'*
1.3 Laqgħat b'urġenza numru 33/18 minflok '*29/9/2012'*, trid tkun '*29/8/2012'*

**2** ***Qari u approvazzjoni tal-minuti***

2.1 Is-Sur Sultana nforma lis-Sindku li ma kellux kopja pprintjata tal-minuti u talab li l-ASE taqra l-minuti. L-ASE għaddiet kopja pprintjata lill-Kunsillier u bdiet taqra l-minuti numru 30/18.
2.2 ***Korrezzjoni tal-minuti***:

2.2.1 4.1.1.1 dawn inqraw u żżid 'ġew' spjegati
2.2.2 6.2.4 minflok 'Sindu' trid tkun 'Sindku'
2.2.3 8.6.2.12 minflok 'meta' trid tkun 'mela'

2.2.4 9.2.2 ‘Ħa’ minflok ‘ħa’, u minflok ‘Isiru’, tkun ‘isiru’
2.2.5 9.5.8 is-Sindku qal li
2.2.6 9.6.1 ‘gall’ issir ‘għall’
2.2.7 9.7.1 Biex jinranġġa l-ispazju
2.2.8 9.15.1 ‘Kunsiller’ issir ‘Kunsillier’

**2.3** ***Punti mressqa mill-minuti:***

2.3.1 ***Punt 9.2.4*** Is-Sur Charles Camilleri tkellem fuq Triq Carini, u rigward permessi biex iħottu *containers* u li xi ħadd informa lis-Sur Camilleri li dawn m’għandhomx bżonn permess biex iħottu. Is-Sur Anastasi wieġeb li l-Kunsill għandu kitba mit-Transport Malta (TM) li l-Kunsill jista’ jwaqqafhom milli jħottu diment li ma jkunux jagħlqu t-triq. Is-Sur Sultana qal li ma nistgħux noħorġu permessi peress li tkun qed tikser il-liġi. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill huwa nfurmat li ħatt minn *container* għandu jsir f’Ħal-Far. Is-Sindku spjega x’kien qed jiġri ma’ ta’ Bandallu u ta paragun bejn il-*containers* ta’ Misraħ Santa Venera u dawk ta’ Triq Carini. Is-Sur Camilleri stqarr li għandu ritratti x’juri u qed jitlob permess li fil-laqgħa li jmiss iġib ir-ritratti ta’ *containers* ta’ 40 pied. Dawn jġiegħlu lir-residenti biex iċaqalqu l-karozzi tagħhom biex il-*containers* ikunu jistgħu jduru. Is-Sindku qal li m’għandniex nheddu l-ħobza ta’ kuljum tal-ħaddiema imma, dawn iridu jieħdu ħsieb ukoll, tar-Residenti u li dawn suppost iħottu kif suppost u li jkollhom il-Gwardjan Lokali.

**2.4** ***Is-Sur Ronald Briffa***

2.4.1 Is-Sur Ronald Briffa nforma lis-Sindku li huwa kellu jitlaq fis-18.45 peress li kellu mpenn importanti.

**2.5** ***Sospenzjoni – Schedule of Payment***

2.5.1 Minħabba f’hekk, is-Sindku talab għall-sospenzjoni sabiex qabel ma jitlaq is-Sur Ronald Briffa, jaraw x-*Schedule of Payment*. Is-*Schedule of Payment* tpoġġiet fuq il-mejda tal-Kamra, għaddiet għand il-membri preżenti u ġiet approvata u iffirmata.

**2.6** ***Sospenzjoni – Day Centre***

2.6.1 Is-Sindku talab għall-sospenzjoni biex jiddiskutu d-*Day Centre*. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li peress li jridu joħorgu t-*tenders*, hemm bżonn li jitkellmu fuq id- *Day Centre*.

2.6.2 Is-Sur Sultana qal li hemm xi skorretezzi fuq li tħaddtu fl-aħħar laqgħa fuq id- *Day Centre*.

2.6.3 Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li kieku jkellmu s-Sid tad- *Day Centre* peress li wasal biex tagħlaq il-kera. Is-Sindku rrimarka li la qegħdin fuq kera, dan jiġi *direct order*.

2.6.4 Is-Sur Sultana qal li dan jista’ jitqies bħalha *direct order* u staqsa kemm hija l-kera u jekk il-kuntratt kienx ta’ 10 snin. Is-Sur Sultana qal li jekk jgħidu lis-Sid biex iżied sena oħra ta’ kera, xorta l-Kunsill jrid jmur għall-*Tender*. Huwa żied jgħid li bil-liġi l-ġdida l-kera għoliet konsiderevoli.

2.6.5 Is-Sindku qal li xorta waħda għandhom jaraw x'jista' joffri s-Sid.

2.6.6 Is-Sur Briffa qal li aħjar jiltaqgħu ma' oħrajn ukoll.

2.6.7 Is-Sindku ippropona li dik il-gimgħa stess jiltaqgħu mas-Sid tad-*Day Centre* u fil-frattemp jieħdu parir jekk jistgħux jagħmlu hekk. Imbagħad jiktbu lid-Dipartiment fejn jirrappurtawlu li diġa għandhom kera mas-Sid u jitolbu għall-direttiva. Is-Sindku ippropona li nhar il-Gimgha jiltaqgħu mas-Sid, jgħidulu li l-Kunsill jixtieq jixtri proprjeta' u jaraw x'jista' joffri u jistaqsu jekk huwiex interressat. Is-Sur Anastasi sostna li l-Kunsill lest li joħrog *tender*.

2.6.8 Is-Sur Briffa qal li biex tkun *fair* ma kull minn ser jitfa' *Tender*, turi lis-Sid li l-Kunsill huwa interressat li jixtri. Imbagħad qabel ma toħrog is-sejħa għat-Tender, tagħtih ċans biex jagħtik risposta.

2.6.9 Is-Sindku qal li l-ewwel jaraw kemm ser tkun il-kera u imbagħad jaraw jekk jistgħax jagħti estenzjoni ta' sentejn.

2.6.10 Is-Sur Briffa ssuġġerixxa lill-Kunsillieri biex jitolbu permess mid-Dipartiment l-ewwel biex jaraw jekk jistgħux javvinċinaw lis-Sid.

2.6.11 Is-Sur Sultana qal li jiktbu lid-Dipartiment li l-Kunsill qabel biex jestendi il-kirja b' 3 xhur biex b'hekk jilħaq jibda l-proċess.

2.6.12 Kif is-Sur Anastasi, s-Sur Camilleri u s-Sur Sultana kienu qed ikomplu jiddiskutu, s-Sur Ronald Briffa ħareġ mill-Kamra 18.52 ta' filgħaxija u ma reġax ġie. B'hekk il-laqgħa spiċċat bla kworum.

2.7 Il-Kunsillieri s-Sur Camilleri u s-Sur Sultana ħargu mill-kamra fis 18.55.

2.8 Is-Sindku u l-ASE baqgħu jistennew sas 19.30 ta' filgħaxija u l-laqgħa baqgħet bla kworum.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 7 ta' Novembru 2012